# Il-Vjolenza Domestika: 2023

NR232/2024 Data tal-Ħruġ: 04 ta' Diċembru 2024

*Fl-2023, 3,589 persuna rrappurtaw li kienu qegħdin iġarrbu l-vjolenza domestika jew għamlu użu mis-servizzi disponibbli f'dan il-qasam. Minnhom, 75.4 fil-mija kienu nisa.*



Fl-2023, ftit aktar minn tliet kwarti tal-persuni li kienu qegħdin jagħmlu użu mis-servizzi ta' għajnuna rigward il-vjolenza domestika kienu nisa (75.4 per cent), filwaqt li 24.6 fil-mija kienu rġiel. Il-biċċa l-kbira tagħhom (59.3 fil-mija) użaw xi servizz minnhom, kien x'kien, darba biss, 23.6 fil-mija użaw servizz wieħed jew aktar għal darbtejn, u 17.0 fil-mija użaw servizz wieħed jew aktar għal tliet darbiet jew aktar. 41.4 fil-mija tan-nisa użaw servizz minnhom, kien x'kien, aktar minn darba, meta mqabblin ma' 38.5 fil-mija tal-irġiel (Tabella nru 1, Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. It-taqsim tal-persuni li rrapportaw esperjenza ta' vjolenza domestika jew li għamlu użu mis-servizzi disponibbli, bis-sess




Noti:

1. Iċ-ċifri jirreferu għall-għadd kollu ta' persuni individwali li kienu qegħdin jużaw is-servizzi matul iż-żmien ta' referenza (ara Tabella nru 1, in-noti metodoloġiċi nri 3 u 5).
2. Is-Servizzi inklużi: Dar Emmaus, Dar Merħba Bik, Dar Santa Bakhita, it-Taqsima tal-Vjolenza Domestika (DVU) (Aġenzija Appoġġ), s-Servizzi tas-Saħħa tal-Emerġenza (A&E), Għabex, Il-Milja, il-Korp tal-Pulizija, Victim Support Agency, u Victim Support Malta.

Tabella nru 2 tagħti tagħrif dwar il-każijiet irreġistrati ma' entitajiet li jipprovdu s-servizzi varji f'dan il-qasam. Il-każijiet magħdudin fi ħdan u bejn is-servizzi jistgħu jinvolvu lill-istess persuna għal aktar minn darba. Fl-2023, kienu rreġistrati b'kollox 6,050 każ mal-entitajiet varji li jagħtu s-servizzi lill-persuni li kienu qegħdin iġarrbu l-vjolenza domestika. Fl-2023, bħas-snin ta' qabel, is-servizzi ewlenin użati mill-persuni li kienu qegħdin iġarrbu l-vjolenza domestika kienu t-Taqsima tal-Vjolenza Domestika (DVU) fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ (2,557 każ reġistrat) u l-Korp tal-Pulizija, li rċieva 2,244 rapport fis-sena ta' riferenza (Tabella nru 2).

## Ċart nru 2. It-taqsim tal-każijiet individwali rreġistrati mal-Korp tal-Pulizija u l-entitajiet li jipprovdu s-servizzi, bis-servizz u l-grupp tal-età tal-persuni li esperjenzaw vjolenza domestika




[1] Ix-xelters jinkludu Dar Emmaus, Dar Merħba Bik, Dar Santa Bakhita, Għabex u Il-Milja. Ara n-nota metodoloġika nru 1.

Nota: Il-każijiet individwali huma rreġistrati ma' entitajiet li jipprovdu s-servizz kull darba li xi ħadd jidħol fis-servizz matul is-sena ta' referenza. Għaldaqstant, iċ-ċifri jinkludu persuni li jkunu użaw is-servizzi aktar minn darba.

Tabella nru 3 taqsam il-każijiet irreġistrati ma' entitajiet li jipprovdu s-servizzi tal-vjolenza domestika bil-gruppi tal-età ta' dawk li jkunu użaw is-servizz. Fl-2023, 28.5 fil-mija tal-każijiet kollha rreġistrati mas-servizzi varji kienu jinvolvu persuni li kellhom bejn it-30 u d-39 sena, filwaqt li 26.8 fil-mija tal-każijiet kienu jinvolvu persuni ta' 50 sena u aktar (Tabella nru 3, Ċart nru 2).

Il-biċċa l-kbira, jew 83.4 fil-mija, kienu jinvolvu persuni ta' nazzjonalità Maltija (Tabella nru 4). Is-servizzi bl-akbar għadd ta' utenti barranin kienu x-xelters tal-vjolenza domestika b'44.0 fil-mija, u s-servizzi tas-saħħa tal-emerġenza bi 30.1 fil-mija (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. It-taqsim tal-każijiet individwali rreġistrati mal-Korp tal-Pulizija u l-entitajiet li jipprovdu s-servizzi, biċ-ċittadinanza ta' dawk li kienu qegħdin jużaw is-servizz




[1] Ix-xelters jinkludu Dar Emmaus, Dar Merħba Bik, Dar Santa Bakhita, Għabex u Il-Milja. Ara n-nota metodoloġika nru 1.

Nota: Il-każijiet individwali huma rreġistrati ma' entitajiet li jipprovdu s-servizz kull darba li xi ħadd jidħol fis-servizz matul is-sena ta' referenza. Għaldaqstant, iċ-ċifri jinkludu persuni li jkunu użaw is-servizzi aktar minn darba

Tabella nru 5 turi t-tipi ta' vjolenza rrapportati f'każijiet irreġistrati mas-servizzi ta' vjolenza domestika, bl-utenti jkunu jistgħu jirrapportaw aktar minn tip wieħed ta' vjolenza, ħlief għal rapporti rreġistrati mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Kważi tliet kwarti tal-każijiet (73.4 fil-mija) irrappurtati mill-fornituri differenti tas-servizzi kienu jinvolvu vjolenza psikoloġika, filwaqt li 41.3 fil-mija kienu jinvolvu vjolenza fiżika. 13.9 fil-mija tal-każijiet kollha rrapportati kienu jinvolvu jew vjolenza sesswali, ekonomika, u/jew forma oħra ta' vjolenza (Tabella nru 5).

Din l-istqarrija tal-aħbarijiet tittratta wkoll is-servizzi mmirati lejn l-aggressuri tal-vjolenza domestika. Iċ-ċifri tal-2023 jinkludu l-programm 'Stop!' u s-servizz 'Child to Parent Violence', li t-tnejn li huma huma mogħtijin mill-Aġenzija Appoġġ, id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole, u l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li użaw dawn is-servizzi kienu rġiel, bi 'Stop!', id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole, u l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jirreġistraw aktar minn 92 fil-mija tal-utenti tas-servizz tagħhom bħala aggressuri rġiel. Is-servizz taċ-'Child to Parent Violence' ra l-akbar numru ta' utenti nisa tas-servizz bi ftit aktar minn terz (34.6 fil-mija). Ħarsa lejn l-għadd waħdani ta' persuni li għamlu użu mis-servizzi mmirat lejn l-aggressuri, kienu x'kienu, turi li 390 individwu użaw servizz wieħed jew aktar matul l-2023 (Tabella nru 6, Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. It-taqsim tal-persuni li kienu qegħdin jużaw is-servizzi għall-aggressuri, bis-sess




Nota: Iċ-ċifri totali jirrappreżentaw l-għadd ta' persuni individwali rreġistrati fis-servizz rispettiv, u, għalhekk, il-persuni li jaċċessaw servizzi differenti jingħaddu aktar minn darba.